Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Louis Borg

Vs

Inspirations Ltd (C 41431)

CCT 226/24/CC

Illum 19 ta' Settembru, 2025

It-Tribunal;

Ra t-Talba ta' l-attur ippreżentata fit-23 ta' Ottubru 2024, fejn talab rifuzjoni ta' l-ammont ta' tlett elef, erba' mija u disgħa u disgħin ewro (€3,499) rappreżentanti ammont imħallas minnu għal forn *built-in* ta' l-għamla Siemens IQ700 Studioline mixtri minghand is-socjeta intimata.

Ra li s-socjeta intimata debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ippreżentat risposta, fejn it-talba avvanzata mill-attrici giet kkontestata għar-ragunijiet elenkati fl-istess risposta.

Sema' l-attur Louis Borg, u lil Gloria Borg, jixhdu bil-gurament.

Ra l-atti kollha tal-kawza, inkluz id-dokumentazzjoni ippreżentata mill-attur u mis-socjeta intimata.

Ikkunsidra ;

Illi jirrizulta li f'Ottubru 2023 l-attur, xtara forn *built-in* ta' l-għamla Siemens IQ700 Studioline mixtri minghand is-socjeta intimata, liema forn jahdem b'sistema teknologika avvanzata, u maghmmar b'diversi funzjonijiet avvanzati li jahdmu b'sistema ta' 'Wi-Fi'.

Illi jirrizulta li sa mill-installazzjoni ta' dan il-forn *built-in,* l-attur jispjega li gew riskontrati diversi problemi, liema problemi u diffikultajiet irrizultaw li l-attur u martu ma setghux jiehdu l-beneficcji kompleti ta' dan il-forn. Fix-xhieda tieghu l-attur jispjega li kien proprju minhabba dawn il-funzjonijiet teknologici avvanzati li huwa kien xtara dan il-mudell ta' forn, izda li sfortunatament minhabba d-diversi problemi teknici, ma kienux qeghdin

juzufruwixxu ruhhom min dawn il-beneficcji teknogolici avvanzati. Dawn il-problemi riskontrati mill-attur, kif jispjega huwa stess, kienu jvarjaw minn nuqqas ta' vizibilita' tal-forn fuq l-*app* waqt il-process tat-tisjir, sal-programmi ta' ikliet li ma kienux qedghin jahdmu tajjeb.

Illi da parti tas-socjeta intimata, kif jirrizulta mix-xhieda u d-dokumentazzjoni pprezentata fl-atti ta' dawn il-proceduri, kien hemm diversi interventi sabiex id-diffikultajiet riskontrati mill-attur jigu rizolti. Inoltre, jirrizulta wkoll li f'intervent minnhom, il-forn dam madwar hamsa u erbghin gurnata ghax-xoghol mehtieg fid-dipartiment tekniku tas-socjeta intimata, sabiex id-diffikultajiet jigu indirizzati u finalment rizolti. Madankollu, gara li in segwitu li l-forn rega' gie kkonsenjat lil attur, zviluppaw problemi teknici godda.

Illi t-Tribunal jirrimarka li mill-atti jirrizulta li minkejja li s-socjeta intimata interveniet ghal diversi drabi sabiex possibilment id-diversi diffikultajiet teknici jigu rimedjati, dan ma sehhx, u attwalment l-attur ghandu forn *built-in* ta' l-ghamla Siemens IQ700 Studioline li ma huwiex jahdem bil-funzjonalitajiet teknici kompeti tieghu.

Illi t-Tribunal, wara li sema' lil partijiet jixhdu bil-gurament, u wara li ra d-dokumenti ezebiti minn entrambi l-partijiet fl-atti ta' dawn il-proceduri, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mill-attur fic-cirkustanzi tal-kaz, ghandha tigi akkolta, b'dan li s-socjeta intimata ghandha sa mhux aktar tard minn tletin jum min-notifika ta' din is-sentenza, tirrifondi lura s-somma ta' tlett elef, erba' mija u disgħa u disgħin ewro (€3,499) lil attur liema ammont huwa l-ammont rreklamat mill-attur permezz ta' din l-istanza.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, is-socjeta intimata ghandha tirrifondi lura s-somma ta' tlett elef, erba' mija u disgħa u disgħin ewro (€3,499) lil attur kif spjegat fil-paragrafu precedenti, b'dan li l-attur ghandu jikkonsenja l-forn *built-in* ta' l-ghamla Siemens IQ700 Studioline kif jircievi l-hlas.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba avvanzata mill-attur ghar-ragunijiet hawn elenkati.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru